32003R0247

IR-REGOLAMENT TAL-KOMMISSJONI (KE) Nru 247/2003
tal-10 ta' Frar 2003
li jadotta l-ispeċifikazzjoni tal-modula ad hoc għall-2004 dwar l-organizzazzjoni ta' xogħol u l-arranġamenti għall-ħin tax-xogħol kif provduti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' kampju ta' stħarriġ tal-forza tax-xogħol fil-Komunità [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kommissjoni (KE) Nru 2104/2002 [2], u b'mod partikolari Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kommissjoni (KE) Nru 246/2003 [3] li jadotta programm ta' moduli *ad hoc*, li jkopru s-snin 2004 sa 2006, għall-kampjun ta' l-istħarriġ tal-forza tax-xogħol jinkludi modula *ad hoc* dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol.

(2) Skond Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 577/98 il-lista dettaljata ta' l-informazzjoni li għandha tinġabar fil-modula *ad hoc* għandha titħejja ta' l-anqas 12-il xahar qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza għal dik il-modula.

(3) Sabiex jiġi evelwat b'mod adegwat il-progress taħt il-kolonni tal-linji gwida tal-politika dwar l-impiegi u b'mod partikolari taħt it-tielet kolonna dwar li tiġi nkoraġġita l-adattabilità tan-negozji u l-impjegati tagħhom, inkluż fir-rigward tal-kwalià tax-xogħol, statistika strutturali komparabbli hija meħtieġa mill-Istati Membri u mill-Kommissjoni [4].

(4) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Programm Statistiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-lista dettaljata ta' informazzjoni li għandha tinġabar sa l-2004 mill-modula *ad hoc*, kif preskritt fl-Anness hija b'dan adottata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' Frar 2003.

Għall-Kommissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kommissjoni

---

[1] ĠU L 77, ta' l-14.3.1998, p. 3.
[2] ĠU L 324, tad-29.11.2002, p. 14.
[3] Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[4] ĠU L 60, 1.3.2002, p. 60.

ANNESS

STĦARRIĠ TAL-FORZA TAX-XOGĦOL

Speċifikazzjoni għall-modula *ad hoc* ta' l-2004 dwar l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol

1. L-Istati Membri u r-reġjuni konċernati: kollha.

2. It-tagħrif li għandu jinġabar biss għax-xogħol prinċipali.

3. Il-varjabbli għandhom ikunu kodifikati kif ġej:

Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru, rimarki
209		*Kontroll fuq metodi proprji tax-xogħol u skeda (mhux obbligatorja għall-Ġermanja)*	C26 = 1,2
	1	Il-persuni jistgħu jistabbilixxu kif jagħmlu x-xogħol	
	2	Il-persuni jistgħu jistabbilixxu meta jagħmlu x-xogħol	
	3	Il-persuni jistgħu jistabbilixxu meta u kif jagħmlu x-xogħol	
	0	Persuni li ma jistgħux jistabbilixxu kif u meta jagħmlu x-xogħol	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	
210		*Xogħol għal klijent wieħed (mhux obbligtorja għall-Ġermanja)*	C26 = 2 jew C26 = 1 u C34_35 < 10
	1	Jaħdem regolarment għal klijent wieħed biss jew xerrej	
	0	Jaħdem regolarment għal klijent wieħed jew xerrej	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	
211_212		*Sigħa ta' sahra fil-ġimgħa ta' referenza*	C26 = 3
	…	Numru ta' sigħat ta' sahra	
	99	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	
213_214		*Sigħat imħallsa ta' sahra fil-ġimgħa ta' referenza*	C213_214≤ C211_212;
	00	Ebda sahra bi ħlas jew ebda sahra	C213_214 = 00 jekk C211_212 = 00
	…	Numru ta' sigħat ta' sahra bi ħlas	
	99	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	
215		*Xejriet ta' xogħol bix-xift*	C204 = 1
	1	Xogħol bix-xift kontinwu, normalment bis-sistema ta' erba' xiftijiet	
	2	Xogħol bix-xift semi-kontinwu, normalment fuq is-sistema ta' tlett xiftijiet	
	3	sistema ta' żewġ xiftijiet: xift doppju ta' bi nhar	
	4	Kultant xift ta' bil-lejl, kultant xift ta' bi nhar	
	6	Tip ieħor ta' xift	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	

Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru, rimarki
216		*Sigħat varjabbli tax-xogħol*	C26 = 3
	1	Bidu u tmiem iffissati tal-jum tax-xogħol	
	2	Sigħat tax-xogħol imqassma, bidu/tmiem stabbiliti	
	3	Sigħat tax-xogħol stabbiiti bil-possibiltà biss li jittieħdu sigħat mix-xogħol	
	4	Sigħat tax-xogħol marbuta bil-possibiltà li jittieħdu jiem sħaħ bla xogħol	
	5	Il-bidu u t-tmiem tal-jum tax-xogħol ivarja skond ftehim individwali	
	6	Jistabbilixxi l-iskeda tiegħu tax-xogħol (ebda konfini formali)	
	7	Oħrajn	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	
217		*Sigħat ta' xogħol fis-sena (mhux obblgatorja għall-Ġermanja)*	C26 = 3 u C216 ≠ 6
	1	Il-persuni għandha kuntratt tax-xogħol ta' sigħat fis-sena	
	0	Il-persuna m'għandhiex kuntratt ta' sigħat ta' xogħol fis-sena	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	
218		*Xogħol skond il-ħtieġa (mhux obbligatorja għall-Ġermanja u l-Portugall)*	C26 = 3 u C204 ≠ 1
	1	Persuna tirrapporta għax-xogħol biss meta tintalab	
	0	Oħrajn	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	
219		*Xejra ta' sigħat tax-xogħol ta' persuna li taħdem f'parti mqabbla ma persuni li taħdem il-jum kollu*	C46 = 2-8
	1	Anqas sigħat kull jum	
	2	Nofs jum anqas fil-ġimgħa	
	3	Anqas jiem fil-ġimgħa	
	4	Anqas sigħat kull jum u anqas jiem fil-ġimgħa	
	5	Ġimgħa waħda minn tnejn	
	6	Oħrajn	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	

Kolonna	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru, rimarki
220		*Possibiltà li persuna taħdem sigħat varjabbli fil-ġimgħa ta' referenza (mhux obbligatorja għall-Ġermanja, l-Italja, il-Finlandja, l-Isvezja u r-Renju Unit)*	C24 = 1 u C26 = 3 u C58 ≠ 1 u C216 = 1-4
	1	{C216 = 3, 4} persuna naqset is-sigħat tagħha ta' kreditu	
	2	{C216 ≠ 3,4} persuna li ma ħadmitx għal ftit sigħat (mingħajr il-ħtieġa li tieħu vakanza)	
	3	{C216 ≠ 4} persuna tkun ma ħadmitx nofs jum, jum wieħed jew aktar jiem	
	4	Persuna tkun naqset il-bilanċ tas-sigħat tagħha ta' kreditu jew tkun ma ħadmitx għal ftit sigħat jew għal nofs jum, għal jum jew għal aktar jiem (f'jiem differenti tal-ġimgħa)	
	5	{C216 = 3, 4} persuna xtaqet tieħu sigħat ta' kreditu iżda ma setgħatx (u ma tkunx ħadet vaganzi)	
	6	{C216 ≠ 3, 4} persuna xtaqet ma taħdimx għal ftit sigħat, nofs jum jew jum wieħed jew aktar iżda ma setgħatx tagħmel dan	
	7	Oħrajn (sigħat attwalment maħduma skond il-kuntratt, sensji, eċċ.)	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	
221		*Konvenza ta' arranġamenti għall-ħin tax-xogħol minħabba s-sitwazzjoni tal-ħajja persoanli (mhux obbligatorja għall-Ġermanja)*	C204 = 1 jew C218 = 1
	1	Xogħol bix-xift huwa konvenjenti minħabba s-sitwazzjoni fil-ħajja personali	
	2	Xogħol meta tissejjaħ huwa konvenjenti minħabb s-sitwazzjoni tal-ħajja personali	
	0	Xogħol bix-xift jew xogħol meta tissejjaħ mhux konvenjenti minħabba s-sitwazzjoni tal-ħajja personali	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	
222		*Konvenza ta' arranġamenti għall-ħin tax-xogħol minħabba s-sitwazzjoni tal-ħajja persoanli (mhux obbligatorja għall-Ġermanja)*	C205, C206, C207, C208 = 1,2 u C204 = 3,9 u C218 = 0,9
	1	Xogħol filgħaxija, xogħol bil-lejl jew matul tmiem il-ġimgħa huwa konvenjenti minħabba s-sitwazzjoni tal-ħajja personali	
	3	Xogħol filgħaxija, bil-lejl jew matul tmiem il-ġimgħa mhux konvenjenti minħabba s-sitwazzjoni tal-ħajja personali	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	
			Il-kodifika tirreferi għar-Regolament tal-Kummissjoni(KE) Nru 1575/2000 (ĠU L 181, ta' l-20.7.2000, p. 16)

4. Il-varjabbli dwar xogħol bix-xift, xogħol ta' filgħaxija, u xogħol fis-Sibtijiet u l-Ħdud li jidhru bħala kolonni 204 sa 208 fl-Anness li jinsab mar-Regolament tal-Kommissjoni (KE) Nru 1575/2000 jikkonċerna l-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trasmissjoni ta' *data* mill-2001 'l quddiem għandu jiġi mistħarreġ fl-2004 għall-istess perjodu ta' referenza bħal tal-modula *ad hoc* imsemmija f'Artikolu 1 tar-Regolament presenti.

5. Il-varjabbli dwar xogħol bix-xift għandu jiġi kodifikat kif ġej:

204		*Xogħol bix-xift*	C26 = 3
	1	Persuni li jaħdmu bix-xift	
	3	Persuni li ma jaħdmux bix-xift	
	9	Ma japplikax	
	Vojt	Ebda tweġiba	